KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sitta (6)***

***It-Tlieta, 15 ta' Ottubru, 2019***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**6.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

6.1.1 Tressqet korrispondenza minghand il-Kunsillier Andreas Gatt, fejn informa lill-Kunsill li ma jistax jattendi l-laqgha minhabba impenji ohra.

**6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

6.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 5 li nzammet nhar l-Erbgha, 18 ta' Settembru 2019.

6.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 5 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

6.2.3 Il-Kunsillier Keith Fenech tkellem dwar materja numru 5.7.9 fejn qal li din ghandha tigi ' id-dhul ghandu jsir minn Triq ir-Rebbiegha filwaqt li l-hrug isir minn Triq il-Qattus' minflok 'id-dhul ghandu jsir minn Triq il-Qattus filwaqt li l-hrug isir minn Triq ir-Rebbiegha'. Dwar din il-korrezzjoni, il-Kunsill qabel unanimament. Dwar din it-talba, is-Sindku qal li r-residenti qablu kollha.

6.2.4 **Mozzjoni 06-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 5.

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Minuti Numru 5 gew approvati unanimament.

**6.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 6 (08) – Settembru 2019***

6.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 06(08) biċ-ċekkijiet numru 6718 sa 6763 li tammonta €51,642.02

6.3.2 **Mozzjoni 06-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 06(08) bl-ammont ta' €51,642.02

Proponent: Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Kunsillier Keith Fenech

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 06(08) giet approvata unanimament.

*F'dan l-istadju, il-Laqgha tal-Kunsill giet sospiza (18:00)*

*Il-Laqgha tal-Kunsill tkompliet fis-18:50*

**6.4 <u>Tender: GHLC/T/01/2019: Street Sweeping using Low emission Service Vehicle</u>**

6.4.1 Minhabba li ma kienx hemm prezenti l-Kunsillier Andreas Gatt u li hu parti mill-Bord tal-Evalwazzjoni, il-Kunsill qabel li din il-materja tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

**6.5 <u>Attivitajiet ta' Zmien il-Milied</u>**

6.5.1 Is-Sindku Darren Abela fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn staqsa jekk din is-sena l-attivita tal-Milied ghandhiex issir minhabba li l-attendenza tas-sena li ghaddiet ma kinitx wahda tajba. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' ma ssirx.

6.5.2 Is-Sindku Darren Abela qal li l-hsieb tal-Kunsill huwa li l-presepju jitkabbar sabiex jintuzaw il-pasturi kollha li s-sena l-ohra gew mahduma fuq l-injam. Is-Sindku qal li se jkellem lill-haddiema dwar dan.

6.5.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill, talba sabiex isir Christmas Village fl-14 u l-15 ta' Dicembru 2019 organizzat miz-Zghazagh tal-Parocca. Hadd ma kellu oggezzjoni li ssir l-attivita' u li l-Kunsill jghin fl-organizzazzjoni.

6.5.4 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li ssir attivita' ghat-tfal ghal zmien il-Milied. Dwar dan il-Kunsill qabel.

6.5.5 Il-Kunsilliera Rose Agius pproponiet li ssir l-ikla ghall-anzjani. Il-Kunsill qabel.

**6.6 <u>Korrispondenza</u>**

6.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza rigward Triq il-Wilga, wara li saret one way. Il-Kunsill qabel li din issir bil-kontra u terga titressaq it-talba lill-TM.

6.6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza dwar proposta ta' *bike racks* go Hal Ghaxaq, u talba ohra ghal Tal-Millieri. Il-Kunsill qabel li titwahhal wahda lejn it-Turretta. Ghal dan il-progett is-Segretarju Ezekuttiv qalet li se ticcekja jekk hemmx xi fondi ghal dawn il-progetti. Il-Kunsill ippropona ukoll li ssir wahda fi Pjazza San Gorg wara l-Knisja. Dwar dan il-Kunsill qabel.

6.6.3 Tressqet korrispondenza dwar parkegg illegali fi Triq Dar il-Bebbux. Is-Sindku Darren Abela rega ppropona sabiex titwahhal *bollard* fit-tarf tal-isqaq. Il-Kunsilliera prezenti ma qablux ma dan izda sostnew li ghandna nibqghu nibghatu ghall-infurzar.

6.6.4 Tressqet korrispondenza sabiex issir attivita' 'Tan-Nanna Helu Manna'. Il-Kunsill qabel li jippartecipa.

6.6.5 Tressqet korrispondenza sabiex il-Kunsill ihallas il-*membership* tal-Ekoskola. Il-Kunsill qabel.

6.6.6 Tressqet korrispondenza minghand Enemalta dwar il-*meter* temporanju fejn infurmawna li l-applikazzjoni ghandha ssir ghal kull xahar. Il-Kunsill qabel li jsir *meter* temporanju fuq arblu u l-applikazzjoni tiggedded skond l-attivitajiet.

6.6.7 Tressqet korrispondenza dwar fondi ghall-attivitajiet kulturali li qed jinghataw mill-Assoccjazzjoni tal-Kunsill Lokali minn fond tal-LESA. Bhala attivita, il-Kunsill jista japplika ghall-Fun Run tas-sena d-diehla.

**6.7 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

6.6.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-lista ta' toroq sabiex tigi mghoddija lil TM. Il-Kunsill qabel li din ghandha titpogga fuq l-Agenda tal-laqgha li jmiss.

6.6.2 Is-Sindku Darren Abela qal li l-LESA qed jaghtu s-servizz li naghddulhom il-filmati tal-*cameras* li ghandna u jkunu jistghu iharrku lil min jikser il-ligi. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li s-sistemi tal-*cameras* ezistenti mhumiex efficjenti biex jittiehdu l-filmati u ghaldaqstant ppreponiet li ssir sistema b'*computer* u *internet* ghall-*cameras* biss.

6.6.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex isiru *road humps* fi Triq Carmelo Rosario Dimech. Il-Kunsill ma qabilx li jitpoggew *road humps*.

6.6.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jinbidlu l-fanali fl-isqaqin. Il-Kunsill qabel li jingiebu l-kwotazzjonijiet.

6.6.5 Is-Sindku Darren Abela ressaq kwotazzjoni sabiex isir l-imprint fl-isqaqin. Il-kwotazzjoni hija ta' madwar €13,000. Il-Kunsill qabel li jingiebu kwotazzjonijiet ohra.

6.6.6 Is-Sindku Darren Abela ppropona biex fuq il-bankina fi Triq Dun Guzepp Demicoli titwahhal *crash barrier*. Il-Kunsill qabel li tingieb stima.

6.6.7 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jintbaghtu wardens fi Triq Dun Guzepp Demicoli wara li jitwahhlu t-tabelli tan-*No Heavy vehicles.* Il-Kunsill qabel.

6.6.8 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-kwotazzjoni sabiex isiru s-sinjali fi Triq San Gorg. Il-Kunsill approva.

6.6.9 Is-Sindku Darren Abela qal li qed isiru d-diskussjoni sabiex l-Enemed tghaddilna l-ammont ta' €27,000 sabiex jinghata l-konkos fejn hemm bzonn.

6.6.10 Is-Sindku Darren Abela ppropona sabiex issir talba biex x-xelters tal-Pjazza jinghataw lill-Heritage Malta. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

6.6.11 Is-Sindku Darren Abela ppropona li fi Triq Napuljun Caruana Dingli jitnehha l-konki u jsir parkegg. Hadd mill-kunsilliera ma ssekonda din il-proposta.

6.6.12 Is-Sindku Darren Abela qal li ma jistax jattendi l-Laqgha tar-Regjun u minfloku se tattendi l-Vici Sindku Christine Dalli.

6.6.13 Is-Sindku Darren Abela qal li nhar il-Hadd se ssir attivita u l-Kapillan talabna sabiex naghmlu *clearance*.

**6.8 <u>Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri</u>**

6.8.1 Il-Kunsilliera Rose Agius tkellmet dwar il-laqgha li kellha dwar it-trasport pubbliku fejn gie propost li titnehha r-rotta tal-karozza tal-linja 135. Dwar dan ghadhom ghaddejjin id-diskussjonijiet.

6.8.2 Il-Kunsilliera Rose Agius tkellmet ukoll dwar l-laqgha li kellha mal-Ministru tal-anzjani fejn giet diskuss il-possibilita li naghmlu trasport lill-anzjani, izda dan jista jsir biss fil-lokal stess. Tkellmet ukoll dwar il-possibilita' li jsir *Night Shelter* ghall-anzjani. Dwar dan se jibqghu ghaddejin id-diskussjonijiet.

6.8.3 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li nhar il-Hadd il-kazin tal-labour hareg iz-zibel minn wara nofsinhar. Il-Kunsill qabel li dwar din il-materja ghandu jiddiskuti iktar fid-dettal fil-laqgha li jmiss.

6.8.4 Il-Kunsilliera Rose Agius tkellmet dwar sid l-i*stationery* li hemm fi Triq il-Bwar fejn pproponiet li quddiemu jsir double yellow line. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

6.8.5 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproniet li ssir *irrigation system* fi Gnien Elfejn. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-Kunsill kien applika mad-Dipartiment sabiex jinghata l-fondi ghal sistema ta' irrigazzjoni.

6.8.6 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm persuna li hija nteressata li taghmel xi haga innovattiva fl-ambjent. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' mieghu sabiex naraw x'inhuma l-ideat tieghu.

6.8.7 Il-Vici Sindku Christine Dalli talbet sabiex tintbaghat ittra lill-hanut tal-ikel li hemm f'Dawret Hal Ghaxaq sabiex ma jkomplix jarmi l-iskart bl-addocc.

6.8.8 Il-Vici Sindku Christine Dalli tkellmet dwar il-*meeting* li kellha ma rapprezentant tal-ERA fejn gew identifikati zoni problematici ghall-iskart u l-ERA taghmel *enforcement.*

6.8.9 Il-Kunsillier Keith Fenech gibed l-attenzjoni dwar il-Linji taz-zebgha li qed isiru mill-haddiema taghna, fejn qal li dawn mhux qed isiru sewwa. Is-Sindku qal li se jkellem lill-haddiem li qed jaghmilhom.

6.8.10 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li l-hanut tal-ikel f'Bir id-Deheb inghata l-permess sabiex johrog l-bankina l-barra u staqsa jekk hemmx konsultazzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li kien avvicina lis-Sindku u kellmu dwarha.

**6.9 <u>Mozzjonijiet</u>**

6.8.1 Annessi mal-Minuti

**6.10 <u>Tmiem tal-laqgha u d-data tas-seduta li jmiss</u>**

6.9.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar l-Hamis 7 ta' Novembru fil-5:00pm.

Il-Laqgha ntemmet fid-9.20pm (l-Kunsill kollu qabel li din ghandha titkompla)

| | |
|---|---|
| _______________________ | _______________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 6**

**Mozzjoni Ref:** 06-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 5

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech**<br>**Proponent** | **Rose Agius**<br>**Sekondant** |

**Data:** 15 ta' Ottubru 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 6**

**Mozzjoni Ref:** 06-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-iskeda ta' Pagamenti Nru 06(08)

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Keith Fenech**<br>**Sekondant** |

**Data:** 15 ta' Ottubru 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**